MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru 26/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-23 ta' April 2007 kontra Joseph Zammit li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-istess Joseph Zammit, recidiv f'delitt, talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja

taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt; (2) ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u hin; (3) bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata; (4) fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu; (5) minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet; (6) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu; (7) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-amont ta' liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira; (8) ikkommetta serq ta' vettura SAN-578, liema serq hu kwalifikat bil-valur u xorta tal-haga misruqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza pero` mhux bhala awtur izda bhala komplici; b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Zammit hati bhala komplici skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana illi l-aggravanti tal-vjolenza tikkonsisti filli s-serq sar flimkien ma omicidju, ma sekwestru ta' persuna u ghax il-halliel jew hallelin ipprezentaw ruhhom armati u b'dan li l-aggravanti tal-mezz kien jikkonsisti fi ksur ta' qofol li qeghdin biex isakkru jew jerfghu fiz-zgur hwejjeg jew oggetti ohra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarjijiet jew recipjenti ohra u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew recipjent iehor sahansitra jekk dan il-ksur ma sarx fil-lok fejn sar is-serq; bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici; bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici; bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1)

kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond il-Hames Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici; bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond is-Sitt Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici; bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Zammit hati skond is-Seba' Kap ta' l-Att ta' l-akkuza mhux bhala awtur izda bhala komplici; b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Zammit mhux hati skond it-Tmien Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza; u wara li l-Qorti Kriminali rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament iddikjaraw lill-hati recidiv f'delitt ghall-fini tal-Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza kollha hlief ghat-Tmin u l-ahhar Kap, iddikjarat lill-istess Joseph Zammit, recidiv:-

1. hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, mhux bhala awtur izda bhala komplici b'dana pero` li dan ir-reat stante li huwa wkoll aggravanti tar-reat taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza jigi assorbit fl-istess Kap u ma jkunx hemm piena fir-rigward tieghu;

2. hati bhala komplici ta' serq fit-18 ta' Settembru tas-sena 2000, go Naxxar Road, San Gwann skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana illi l-aggravanti tal-vjolenza tikkonsisti filli s-serq sar flimkien ma' omicidju, ma sekwestru ta' persuna u ghax il-halliel jew hallelin ipprezentaw ruhhom armati u b'dan li l-aggravanti tal-mezz kien jikkonsisti fi ksur ta' qofol li qeghdin biex isakkru jew jerfghu fiz-zgur hwejjeg jew oggetti ohra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarjijiet jew recipjenti ohra u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew recipjent iehor sahansitra jekk dan il-ksur ma sarx fil-lok fejn sar is-serq;

3. hati bhala komplici skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana pero` peress li s-sekwestru ukoll kien wiehed mill-aggravanti tar-reat ta' serq taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza dan ir-reat jigi assorbit ghall-fini ta' piena fir-reat taht it-Tielet [*recte:* Tieni] Kap u ghalhekk ma tigix erogata piena fir-rigward ta' dan il-Kap;

4. hati bhala komplici tar-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana pero` illi peress li dan ir-reat serva bhala

mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat taht it-Tieni Kap u partikolarment l-aggravanti ta' l-omicidju, tas-sekwestru u li l-hallelin ipprezentaw ruhhom armati, dan ir-reat jigi ukoll assorbit fir-reat taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u konsegwentement ma tigix erogata piena fir-rigward tieghu;

5. hati bhala komplici tal-Hames Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana li dan ir-reat huwa assorbit fir-reat taht it-Tieni Kap u ghalhekk ma tigix erogata piena separata ghalih;

6. hati bhala komplici izda mhux bhala awtur tas-Sitt Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

7. hati bhala komplici izda mhux bhala awtur tas-Seba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana peress li jezisti l-konkors formali jew idejali bejn dan ir-reat u r-reat taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza billi fatt uniku – l-isparatura kkagunat kemm l-omicidju kif ukoll id-danni fil-vettura u fil-bieba tal-"mailbox" tal-bank – u ghalhekk ma tinghatax piena separata ghal dan ir-reat.

8. Finalment tiddikjara lil Joseph Zammit mhux hati skond it-Tmien u l-ahhar Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u minnu lliberatu;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31(1)(b), 42, 43, 45, 49, 50, 86, 211(1)(2), 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 272, 325(b) [illum 325(1)(b)], 492(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 3(1A) ta' l-Ordinanza Dwar l-Armi (Kap. 66) kif applikabbli fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati skond l-artikoli 66 u 67 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 24(2), 33(1) u 29 ta' l-Ordinanza Dwar l-Esplozivi (Kap. 33), ikkundannat lill-hati Joseph Zammit ghall-piena ta' prigunerija ta' wiehed u tletin (31) sena u sitt (6) xhur li minnhom irid jinqata' kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li tahthom instab hati. Inoltre kkundannatu jhallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tlett elef u erbgha u tmenin euro u ghoxrin centezmi (€3084.20), import ta'

kwart ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'din il-kawza u cioe` tnax-il elf tlett mija u sitta u tletin euro u tmenin centezmi (€12,336.80), u dana in vista tal-fatt li huwa pacifiku bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza li f'dan id-delitt kien hemm il-ko-involviment ta' terzi persuni li ghad iridu jew jistghu jigu processati dwaru, liema spejjez peritali jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tas-sentenza appellata jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi. Dik il-Qorti hekk iddecidiet wara li rat il-verbal tal-prosekuzzjoni u d-difiza li bih qablu li r-reati taht l-Ewwel, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza huma assorbiti taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ghaliex jew jikkostitwixxu fihom infushom l-aggravanti ta' l-istess reat jew servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess dan ir-reat u li bih qablu li bejn it-Tieni u s-Seba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza hemm il-konkors formali jew idejali ghaliex fatt uniku ta lok ghal diversi reati; kif ukoll wara li rat ukoll il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u wara li qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Jose` Herrera, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-**

**1. li l-verdett ma kienx unanimu w ghalhekk il-piena ta' prigunerija ghal ghomor ma kinitx tassattiva f'dan il-kaz;**
**2. li l-Imhallef li kien ghix il-guri w seta' japprezza sew x'kienu l-provi fil-kaz, ghalkemm kien marbut bil-verdett tal-gurati, ghandu jikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi rizultanti;**
**3. li l-hati ma kienx il-percimes f'dan id-delitt u zgur li ma kienx hu li ghafas il-grillu tas-senter;**
**4. dan kien kaz ta' "hold-up which went wrong" u l-Qorti trid tara sa fejn kienet il-partecipazzjoni tal-hati;**
**5. li l-hati kellu hamsin sena w jekk kellha tinghata piena ta' prigunerija konsiderevoli imma mhux dik ta' ghomor il-habs kien ikun bizzejjed biex jintlahaq l-iskop tal-ligi;**

**6. kien minnu li l-fedina penali tal-hati mhix wahda tajba imma dan ma kellux ikun il-punt kardinali li jiddetermina l-piena.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja, li jinsabu kollha registrati w senjatament li r-reati li taghhom instab hati Zammit kienu ta' certa gravita` w li reati bhalhom kienu qed joholqu pjaga fis-socjeta` li qed nghixu fiha. Fis-sentenza taghha l-Qorti riedet tiehu konsiderazzjoni li trid twassal messagg ta' bilanc lis-socjeta` biex turi li reati ta' dan it-tip mhumiex permissibbli f'socjeta` civili specjalment meta f'dan il-kaz hemm recidivita` qawwija.**

**"Ikkonsidrat**

**"Illi bil-mod kif ir-reati jinsabu assorbiti fit-tieni reat ghall-fini ta' piena jew ghaliex huma jikkostitwixxu diga` wiehed mill-aggravanti tar-reat taht it-Tieni Kap, jew ghax servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess dan ir-reat jew inkella ghax hemm il-konkors formali jew idejali bejniethom u bejn ir-reat taht it-Tieni Kap, din il-Qorti hija msejha biex teroga piena biss fil-konfront tar-reati taht it-Tieni Kap u taht is-Sitt Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**"Illi skond l-artikolu 272 tal-Kodici Kriminali, il-hati ta' serq li jsir flimkien ma omicidju volontarju jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru w skond l-artikolu 43 tal-istess Kodici, il-komplici f'delitt, bhal ma hu l-hati, jehel il-piena stabilita ghall-awtur.**

**"Illi pero` skond l-artikolu 492 (2) tal-istess Kodici, l-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma kienx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' prigunerija ghal ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li ghaliha hemm stabilita l-piena ta' prigunerija ghal ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi, kif inhu f'dan il-kaz.**

**“Illi mbaghad il-piena massima tar-reat kontemplat fis-Sitt Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza bir-recidiva hija dik ta’ tliet snin prigunerija li bir-regoli tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali tista’ tizdied b’terz jew nofs taghha mal-piena tar-reat l-aktar gravi.**

**“Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-hati jirrizulta li dan ghix hajja mill-aktar refrattarja. Mill-1978 ‘l hawn issubixxa mhux inqas minn 26 kundanna mill-Qrati ta’ Gudikatura Kriminali, w dan apparti proceduri pendenti li ghandu bhal issa. Ir-reati li nstab hati taghhom ivarjaw minn ruxxmata ta’ reati dwar sewqan hazin u perikoluz u reati ohra tat-traffiku ghal reati ferm serji. Hekk hu nstab hati li ffalsifika passaport, sigilli timbri jew marki ohra, ta’ pussess ta' medicinali L.S.D., erba (4) darbiet ta’ tentattivi ta’ serq aggravat, darba minnhom minn hanut tad-deheb, erba (4) darbiet ta’ serq aggravat, wiehed minnhom kontinwat, darba ta’ ricettazzjoni, darba ta’ danni volontarji, darba ta’ pussess ta’ *flicknife*, darbtejn ta’ pussess tad-droga cannabis, darba minnhom addirittura fil-habs, u tlitt (3) darbiet ta’ pussess ta' eroina.**

**“Sal-lum hu gie sentenzjat ghal diversi multi, gie liberat kondizzjonatament ghal sitt (6) darbiet, gie sentenzjat ghal sentenzi ta’ habs sospizi ghal erba’ darbiet u gie sentenzjat ghall-piena karcerarja effettiva hames darbiet. Minkejja li l-Qrati tawh hafna opportunitajiet li jirriforma b’liberazzjonijiet kondizzjonali jew b’ sentenzi ta’ prigunerija sospiza, u dan anki wara li kien gja` gie sentenzjat ghall-prigunerija effettiva diversi drabi, jidher li dan ma serva ghal xejn u l-akkuzat baqa’ jirranka fil-hajja kriminuza tieghu. Sahansitra mill-kommissjoni tad-delitti mertu ta’ din il-kawza ‘l hawn u meta kien bil-liberta` provizorja kompla jwettaq reati ohra w nstab hati ta’ reati serji mill-inqas erba’ darbiet. Hu injora ghal kollox ic-*chances* biex hu jirriforma li tawh il-Qrati tul dawn l-ahhar wiehed u tletin sena. Di fatti r-reati li taghhom instab hati f’dan il-process gew kommessi appena hu kien ghadu kif skonta sentenza ta’ prigunerija effettiva lilu moghtija fl-4 ta’ Marzu**

**1998. Fid-dawl ta' din il-fedina penali mill-izjed refrattarja w tar-recidiva li ma gietx minnu kontestata, din il-Qorti tara li ghalkemm fic-cirkostanzi mhux ser tapplika l-piena massima ta' ghomor ser tapplika piena karcerarja determinata ta' tletin sena ghar-reat taht it-Tieni Kap piu` l-piena massima skond ir-regola fuq esposta ghar-reat taht is-Sitt Kap li hija ta' sena w sitt xhur prigunerija w dana biex jigu riflessi c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz imsemmija mill-prosekuzzjoni w mid-difiza fit-trattazzjoni taghhom."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zammit upprezentat fl-20 ta' Frar 2009 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u l-verdett tal-gurija moghti fl-ewwel seba' Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza billi tikkonferma l-istess sentenza fejn ma nstabx hati tat-Tmin Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u tirrevokaha fejn instab hati ta' l-ewwel Seba' Kapi u fejn gie kkundannat piena ta' wiehed u tletin sena u sitt xhur prigunerija u gie kkundannat ihallas €3,084.20, kwart ta' l-ispejjez peritali, u minflok tilliberah minn kull htija u piena; rat l-atti l-ohra tal-kawza, komprizi n-nota ta' l-Avukat Generali tal-31 ta' Lulju 2009 u r-risposta ta' l-appellant ta' l-1 ta' Ottubru 2009; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor (1) li l-gurati ma setghux ragjonevolment isibu htija fil-konfront tieghu ghal dak li jikkoncerna l-ewwel seba' Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, jew ghall-anqas uhud minnhom; (2) li l-piena hi eccessiva.

**6.** Dwar l-ewwel zewg Kapi l-appellant jghid fl-ewwel lok illi dawn kienu Kapi alternattivi u ghalhekk, bla pregudizzju ghas-sottomissjonijiet l-ohra tieghu dwar dan l-aggravju, is-sejbien ta' htija fiz-zewg Kapi huwa ndikattiv tan-nuqqas ta' intendiment tal-ligi in materja min-naha tal-gurati. Imbaghad l-appellant ikompli jissottometti hekk:

"Illi l-appellant jissottometti li m'hemm l-ebda ombra ta' prova li l-imputat kien komplici fid-delitt ta' l-omicidju volontarju.

“Illi m’ghandux ghalfejn jinghad li mill-provi processwali ma rrizultax li l-appellant attwalment spara lill-vittma, Alphonse Ferriggi, ghax in effetti ma nstabx hati bhala awtur, imma bhala komplici.

“Illi, pero`, meta jigu ezaminati l-provi kollha, minn imkien ma jirrizulta li kien jissussisti ghal ta’ l-inqas, l-element morali, ossia l-*common design*, cioe` l-pre-koncezzjoni bejn l-awtur jew awturi tar-reat in dizamina.

“Illi f’dan l-istadju huwa opportun li jigi analizzat dak li jiddisponi l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali dwar l-elementi rikjesti *sine qua non* sabiex tissussisti l-komplicita`.

“Illi f’dan ir-rigward l-esponent se jaghmel referenza biss ghal dawk is-subartikoli li jistghu ikollhom relevanza *o meno*.

“L-artikolu 42(c) jghid: *‘Persuna titqies komplici f’delitt jekk hija tkun tat armi ... meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati.’*

“Illi ghalkemm fl-incident in kwistjoni gie ppruvat li l-awtur tabilhaqq uza senter biex spara u qatel lil Alphonse Ferriggi, minn imkien ma rrizulta, lanqas remotement, li kien l-esponent li ta l-arma lill-istess awtur, u naturalment, wisq anqas li kien jaf li kellha tintuza din l-arma specifikament bl-intenzjoni komuni li tinqatel il-vittma.

“L-artikolu 42(d) jghid: *‘Persuna titqies komplici f’delitt jekk hija, ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi ta’ qabel, b’xi mod li jkun, xjentement tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat.’*

“Illi l-esponent umilment jissottometti li huwa dan is-subartikolu l-qofol ta’ kollox. Mill-ewwel jinghad li minn ezami tal-provi minn imkien m’hu se jirrizulta li l-appellant jista’ jitqies komplici fl-ambitu ta’ dan is-subartikolu.

“Illi ghalkemm huwa koncess li mhux necessarju li l-esponent ikun prezenti waqt li jissussisti d-delitt, xorta

wahda hu necessarju li jigi ppruvat li l-appellant kien konsapevoli u akwijexxenti ghall-fatt li mhux biss kellu jsir is-serq, imma li l-*modus operandi* ta' dik is-serqa kellha tinkludi l-qtil tad-derubat. Din il-pre-koncezzjoni hija rikjesta *sine qua non* fid-dritt u trid tigi ppruvata sad-dubju dettat mir-raguni, mill-prosekuzzjoni.

"Illi ghalhekk huwa opportun f'dan l-istadju li jigu ezaminati l-provi biex wiehed jikkonkludi jekk l-asserzjoni tad-difiza hix minnha jew le.

"Illi l-aktar prova importanti li resqet il-prosekuzzjoni fil-fehma umli ta' l-esponent, kienet appuntu l-i*statements* ta' l-imputat, ghaliex kienu dawn li setghu, *se mai*, jinkriminawh fis-serqa proprja.

"Illi f'dawn l-i*statements* jemergu biss dawn il-fatti. L-esponent, xi gimghat qabel il-*hold-up de quo*, gie avvicinat minn numru ta' nies li hajruh jippartecipa f'serqa mill-*branch* tal-*Bank of Valletta* ta' San Gwann. Ghall-ewwel, l-esponent wera l-pre-disposizzjoni tieghu li jippartecipa. Ftit granet wara, l-appellant rega' gie avvicinat mill-istess nies fejn regghu gharrfuh meta u kif kellu jsir il-*hold-up*. Dan wera certa riluttanza f'dan l-istadju, pero`, wara li baqghu jissikkawh, accetta li jservi tas-sewwieq wara li jsir il-*hold-up* billi jistennihom fil-vicinanzi.

"Illi r-riluttanza tieghu pero` baqghet tippersisti, tant li meta marru ghalih id-dar tieghu l-Floriana, fil-hinijiet bikrin ta' filghodu, sabuh rieqed u kellhom juzaw certa persistenza biex huwa jmur maghhom. Dan il-fatt huwa wkoll ikkorroborat mill-habiba tieghu Rita Gauci, li dak iz-zmien kienet tghix mieghu.

"Illi l-esponent imbaghad spjega li huwa dahal gewwa karozza Mazda ta' lewn ahmar u wassluh fejn kienet ipparkjata l-karozza tal-marka Volkswagen Golf sewda fi Triq San Giljan, San Gwann.

"Illi wara, l-awturi tad-delitt telqu jaghmlu l-*hold-up* u hu baqa' jistennihom hemm fejn, wara ftit, dehrlu li ma kellux jibqa' hemm u telaq lura lejn daru. Huwa jghid li qatt ma ra

s-senter, pero` pprezuma li kien hemm senter li kien se jintuza sabiex jigi ffermat il-messaggier tal-Bank.

“L-ewwelnett, dan kollu huwa kkorroborat mix-xiehda ta’ Anthony Frendo, maghruf bhala l-*Ballerin*. Dan, bazikament, jghid li l-appellant kien tkellem mieghu, u li dan Frendo kien staqsih fuq il-*hold-up* tal-Bank in kwistjoni. Dan qal li l-esponent qallu li dan kien stqarr mieghu li l-esponent ma kienx mar maghhom sal-Bank u li kien baqa’ fi Triq San Giljan; verzjoni li tirrispekkja dak li l-esponent qal fl-i*statements* tieghu bil-miktub.

“Illi nzerta wkoll li dak il-hin kien hemm prezenti certu Dominic Chircop li sema’ d-diskors li kien qieghed jinghad bejn dawn it-tnejn. Ta’ interess hu l-fatt li dan irrakkonta d-diskors li sema’ f’aktar dettall. Qal, per ezempju, li lill-esponent semghu jghid li huwa qaghad f’ghalqa jew hdejha, u ma marx sal-Bank.

“Illi mill-provi jirrizulta li attwalment, dak iz-zmien, ghalqa kien hemm, fi Triq San Giljan, f’San Gwann. Dan il-fatt jirrizulta kemm mir-ritratti esebiti kif ukoll mill-pjanta redatta mill-Perit Richard Aquilina. Dan, naturalment, huwa fatt materjali li jkompli jikkorrobora l-verzjoni ta’ l-appellant.

“Illi inoltre ta’ importanza dan ix-xhud, cioe` Dominic Chircop, ikompli jghid li sema’ lill-esponent jghid: *‘Jiena ghidtlu biex ma jisparax.’* Dan il-fatt wahdu juri bic-car li altru li l-appellant ma kellux pre-koncezzjoni li Ferriggi ma kellux jinqatel, imma li addirittura ghamilha cara li ma riedx li s-senter jintuza ghall-ebda skop.

“Illi filwaqt li l-i*statements* bil-miktub ittiehdu waqt l-interrogazzjoni, u ghalhekk jista’ jigi argumentat li l-esponent seta’ uza certa kawtela fid-diskors tieghu, mhux l-istess jista’ jinghad ghal dak li huwa qal *di sua sponte* lil Anthony Frendo, u ghalhekk dak li qal m’ghandux ghalfejn jigi skartat.

“Illi mbaghad hemm il-kwistjoni tal-loqma tas-sigarett.

"Illi meta l-esponent kien qieghed jaghmel l-i*statement* principali tieghu fil-5 ta' Dicembru 2002, ma kienx jaf u ma setax ikun jaf li nzerta, fejn probabbilment kienet ipparkjata il-karozza Mazda, kien instab sigarett li kellu d-DNA tieghu fuqu. Dan qieghed jinghad ghax ir-rapport peritali fuq din il-kwistjoni gie redatt tliet snin wara.

"Illi dan il-fattur ghandu jinghata piz qawwi hafna, ghax ikompli jikkorrobora l-i*statements* tieghu f'certu dettall partikolari.

"Illi waqt il-process gie ppruvat fejn instab dan is-sigarett li nzerta kien distanza ta' xi karozza u nofs 'il boghod minn fejn instabet il-karozza s-sewda fi Triq San Giljan, San Gwann. Fl-i*statement* huwa qal li huwa pejjep sigarett waqt li kien qieghed jistenna fil-Mazda u mbaghad ramih 'il barra. Fattur li kif qed jintqal gie kkorroborat mill-provi forensici.

"Illi anke l-konfigurazzjoni ta' fejn kienu pparkjati l-Volkswagen u l-Mazda, kif spjegat mill-esponent, irrizulta mill-provi. Mix-xiehda ta' certu Francis Zammit nistghu niddezumu s-segwenti sekwenza ta' kif kienu pparkjati l-karozzi. Dan inzerta kellu vann *low loader* ipparkjat fi Triq San Giljan, San Gwann. Dan ried juza l-imsemmi vann kmieni filghodu. Ix-xhud irrakkonta li meta hu mar biex isuq din il-vettura ghall-habta ta' l-4.00 a.m., innota li kien hemm karozza Volkswagen Golf ipparkjata vicin hafna tal-*low loader* u ma tantx seta' jimmanuvra. Irrakkonta wkoll li meta gie lura u gie biex jipparkja l-*low loader*, seta' jaghmel dan liberalment ghax l-imsemmija Golf kienet ipparkjata ferm aktar 'il boghod.

"Illi dan juri li l-Golf ma setghetx tigi facilment ipparkjata ezatt wara l-*low loader* ghaliex prezumibbilment, wara, fejn kienet ipparkjata l-Golf kienu pparkjaw l-Mazda u ghalhekk kien aktar facli li wara d-delitt jipparkjaw l-Volkswagen wara l-Mazda; dan kollu jkompli jikkorrobora fid-dettall il-verzjoni li ta l-appellant.

"Illi fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, kif intqal, inghatat l-attenwanti [*recte:* aggravanti] tal-vjolenza meta r-reat tas-serq isir flimkien ma' omicidju.

"Illi, pero`, ghandu jinghad mill-ewwel li biex l-esponent jinstab hati ta' din l-akkuza, irid ikun ukoll hati ta' l-omicidju. Jekk *in pessima ipotesi* l-gurati kienu gustifikati li jikkonkludu li l-appellant kien hati bhala komplici fir-reat ta' serq, u nzerta li fis-serqa giet maqtula persuna, b'daqshekk ma jfissirx li *per forza*, l-istess esponent, jahti wkoll ta' l-aggravju in dizamina. Dan peress li, kif intqal qabel, il-prosekuzzjoni trid bilfors tipprova l-element morali ta' l-aggravju wkoll, u cioe` l-pre-koncezzjoni. Id-difiza, f'dan is-sens, terga' tenfasizza li prova f'dan ir-rigward hi ghal kollox mankanti.

"Illi f'dan ir-rigward l-esponent ihoss li ghandu jaghmel ampja referenza ghal dak li jippredisponi l-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi dan l-artikolu jghid:

*"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, hu imputabbli biss:*
*a) lill-persuna li taghmel l-att;*
*b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar;*
*c) lilll-persuna li ghad li kienet taf bl-att filwaqt li kien qed isir u ghad li kienet tista' timpedih hallietu jsir."*

"Illi dwar l-ewwel ipotesi, ftit hemm x'jinghad, peress li l-esponent instab hati ta' komplicita` u ghalhekk zgur li ma kienx hu li ghamel l-att.

"Illi dwar it-tieni ipotesi, ghandu jinghad ukoll li dan bl-ebda mod m'ghandu jiffigura fil-konfront ta' l-esponent.

"Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta, lanqas remotement, li l-appellant kien jaf li Ferriggi kellu jigi maqtul. Hawn ukoll, *in pessima ipotesi*, ghandu jinghad li l-aktar li setghu jikkonkludu l-gurati b'mod ragjonevoli hu li l-esponent kien jaf li kellu jsir il-*hold-up de quo* u li l-

messaggier li kien suspettat li qed igorr flus kellu jigi ffermat b’senter. M’hemm xejn li jista’, minghajr dubju dettat mir-raguni, jindika li l-esponent kien jaf li ser tinqatel din il-persuna.

“Illi anzi ghandu jigi rimarkat li l-provi kollha jindikaw li l-imputat kien reluttanti li jippartecipa fis-serqa in kwistjoni; li l-parti li huwa ha kienet l-aktar wahda passiva; u finalment, li lanqas kien prezenti waqt is-serqa proprja hdejn il-Bank.

“Illi l-provi kollha fil-fatt jindikaw li hawn si tratta ta’ serqa li marret hazin u li fil-paniku tal-mument, minghajr ma kien previst minn qabel, wiehed mill-malviventi spara u qatel lil Alphonse Ferriggi.

“Illi jigi rrimarkat f’dan is-sens li kieku ma kienx hekk, kif jista’ jigi spjegat li minn hmistax-il baskett li kien hemm fil-Peugeot ta’ Alphonse Ferriggui, ittiehdu solament tlieta. Dan il-fatt jindika stat ta’ paniku kbir u juri li l-affarijiet ma kinux sejrin kif miftehma.

“Illi ghalhekk kienet din il-persuna insaputa li ghamlet aktar gravi d-delitt, u ghalhekk dan l-aggravju huwa imputabbli solament lilha.

“Illi t-tielet ipotesi ma jirrizultax manifestament u kull kumment iehor f’dan ir-rigward huwa ghaldaqstant superfluwu.”

7**.** L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[1]. In ezekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha, hi

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive**

ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjonijiet tad-difiza, tar-replika, tal-kontro-replika, u ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri u li dwaru m'hemm l-ebda aggravju, u ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni.

**8.** L-appellant instab hati bhala komplici ta' l-ewwel seba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuza. Effettivament mill-provi ma jirrizultax li l-appellant mar fuq il-post tad-delitt quddiem il-Bank of Valletta ta' San Gwann, izda qaghad jistenna lill-awturi fi Triq San Giljan b'*getaway car*. L-appellant isostni li ma setax jinstab hati bhala komplici fid-delitt ta' omicidju volontarju ghax ma kienx hemm il-prekoncert bejnu u l-awturi. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni mar minhabba l-persistenza u ssikkar ta' l-awturi, u li wara xi hin jistenna telaq lura lejn id-dar. Jirreferi ghax-xiehda ta' Dominic Chircop li qal li sema' lill-appellant jghid: "Jiena ghidtlu biex ma jisparax." Skond l-appellant, lanqas ta' l-aggravanti ta' vjolenza minhabba omicidju fit-Tieni Kap ma seta' jinstab hati. Jirreferi f'dar-rigward ukoll ghall-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jghid li l-ebda ipotesi kontemplata f'dak l-artikolu ma tapplika ghalih.

**9.** In materja ta' komplicita`, tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[2]:

**"... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon**

---

**Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.

**for the purpsoe of facilitating the theft if it should be found so necessary, will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani[3] puts the rule in the following words: *'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita` del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita` la quale e` inerente alle qualita` ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi` qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita` connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita` medesime.'***

**"....**

**"... when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**

**"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**

**"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means (*'eccesso nei mezzi'*) and excess in the purpose (*'eccesso nel fine'*). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the**

[3] Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.

**purpose where, though the means used are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result.**[4]

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravting act at the time of its perpretration, and being able to prevent it, did not do so."**

**10.** Francesco Antolisei wkoll josserva[5]:

***"Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera` considerare se l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio` eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."***

L-istess awtur jirreferi ghal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn gie ritenut li ***"in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso uno degli aggrediti, ha ritenuto la***

---

[4] Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.
[5] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, sesta edizione , Giuffre` – 1969 .

***responsabilita` per omicidio volontario ex art. 116 c. P. di tutti i concorrenti nella rapina."***

**11.** Fil-kaz in ezami l-appellant kien jaf li se tintuza arma. M'hemm l-ebda prova li oggezzjona ghall-uzu taghha. Jghid li qallhom biex ma jisparawx izda ma jirrizultax illi qallhom x'ghandu jsir biex ma jisparawx, ez. biex l-arma tkun skargata jew tkun fuq is-*safety lock*. Lanqas ma jirrizulta li oggezzjona li shabu jmorru armati. Is-serq aggravat sehh a pjena konoxxenza ta' l-appellant. Li shabu kienu sejrin armati kien jaf. Mhix haga insolita li f'*hold-up* l-arma tintuza u mhux l-ewwel darba li f'*hold-up* inqatlet xi persuna minhabba li l-hallelin kienu armati. Jigifieri dak li sehh kien "a natural and foreseeable consequence" tal-mezz uzat mill-hallelin.

**12.** In tema ta' omicidju volontarju in kwantu jirrigwarda l-intenzjoni pozittiva indiretta, din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore Gauci** moghtija fit-8 ta' Lulju 2004, b'referenza ghal dak li jghid l-awtur Gerald Gordon fil-ktieb tieghu **The Criminal Law of Scotland**[6], qalet hekk:

**"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' 'recklessness' (li fil-ligi Skocciza 'is advertent and involves foresight of the risk'[7] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[8] says, 'In the determination**

---

[6] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.
[7] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[8] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**of these questions, the introduction of the 'reasonable man' is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk." [9]**

**13.** Fil-kaz in ezami, jekk verament l-appellant qal lil min kien sejjer armat biex ma jisparax, huwa evidenti illi kien

[9] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

qieghed jipprevedi r-riskju nvolut. Izda ghazel li ma jaghmel xejn dwaru. Jallega li kien *an unwilling participant*. Izda zgur ma kienx imgieghel b'forza barranija li ma setax jirrezisti ghaliha[10], u ghalhekk certament ma jistax jippretendi li jkun ezentat minn responsabbilta` kriminali. Fl-istqarrija tieghu tal-5 ta' Dicembru 2002 l-appellant qal li wara ftit minuti jistenna beza' u telaq u ddobba *lift* sal-Floriana f'vann li kien ghaddej u dahal id-dar f'xis-6.30 a.m. Hawn il-gurati setghu ma qisux dan veritjer. M'hemm l-ebda dubju li jekk l-appellant iddobba *lift* sal-Floriana minn Triq San Giljan, it-tragitt f'dawk il-hinijiet tal-gurnata kien jiehu biss ftit minuti. Kif jirrizulta mill-*video tape recording* tal-Bank of Valletta (ara relazzjoni ta' P.C. 516 Alfio Borg tal-25 ta' Settembru 2001), il-vittma Alphonse Ferriggi gie ffermat bejn il-hin ta' 05:24:05 u 05:24:07. Fil-hinijiet 05:11:46, 05:11:50 u 05:19:50, il-vettura li ntuzat biex jitwettaq il-*hold-up* dehret ghaddejja minn quddiem il-Bank. Peress illi ma jirrizultax illi l-appellant rikeb f'dik il-vettura, jidher allura illi fil-hin ta' 05:11:46 l-appellant kien diga` thalla jistenna bil-*getaway car*. Jekk, kif qal, baqa' jistenna biss ftit minuti qabel ma telaq, u ddobba *lift*, huwa inverosimili ghall-ahhar li kien jiehu 'l fuq minn siegha biex jasal il-Floriana. Barra minn hekk hemm ix-xiehda ta' Anthony Frendo li jghid li dakinhar filghodu ghall-habta tal-5.30 a.m. l-appellant ghamel karozza Lada Samara hdejn it-tieqa tar-residenza tieghu (ta' Frendo) f'Hal-Qormi u qallu biex inehhiha, imbaghad filghaxija ta' l-istess gurnata tkellem ma' l-appellant li qallu li hu baqa' go l-ghalqa u l-ohrajn marru u hadlu l-grillu. Dawn huma kollha provi li jindikaw li l-verzjoni li ta l-appellant li telaq ghax beza' mhijiex verosimili.

**14.** Konsegwentement il-gurati setghu legalment u ragjonevolment isibu lill-appellant hati ta' l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba', il-Hames u s-Seba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuza. Dwar l-Ewwel u t-Tieni Kapi ta' l-Att ta' Akkuza, l-appellant jghid li dawn kienu Kapi alternattivi u li l-gurati ma setghux isibu htija fit-tnejn. Pero`, apparti l-fatt li ma jirrizultax illi l-gurati gew diretti biex jikkunsidraw dawn il-

---

[10] Artikolu 33(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kapi bhala Kapi alternattivi, l-appellant ma sofra l-ebda pregudizzju b'daqshekk peress illi l-Ewwel Kap gie meqjus assorbit fit-Tieni Kap.[11]

**15.** Dwar is-Sitt Kap l-appellant jghid li biex jissussisti d-delitt kontemplat f'dan il-Kap, irid jirrizulta li l-persuna li kellha l-pussess ta' l-arma, attwalment ma kellhiex il-licenzja mehtiega tal-Kummissarju tal-Pulizija; u din il-prova hi mankanti. Hawn l-appellant ghandu ragun. Filwaqt illi ngabet prova li l-appellant ma ghandux licenzja ghal kwalsiasi arma, ma ngabet l-ebda prova ta' jekk il-persuna li kellha l-pussess u kontroll ta' l-arma kell hiex licenzja skond il-ligi, u ghalhekk f'dan il-kaz l-appellant ma setax jinstab hati mill-gurati ta' komplicita` fir-reat kontemplat fis-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuza. Konsegwentement il-piena nflitta dwar dan il-Kap trid tigi revokata.

**16.** Dwar il-piena l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed ghall-fatt li l-partecipazzjoni tieghu kienet wahda sekondarja u riluttanti. Ghandu 'l fuq minn hamsin sena u l-piena nflitta fuqu tkun tfisser li probabbilment ma jigix rilaxxat mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin haj. Barra minn hekk id-decizjoni tal-gurati ma kinitx wahda unanima, u ghal dak li jirrigwarda l-Ewwel Kap kienet wahda ta' 7 – 2.

**17.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ta' tletin sena prigunerija hija entro l-parametri tal-ligi. Issa, kwantu ghall-partecipazzjoni tieghu fil-kaz, din kienet dik li kienet. Xorta kellu rwol importanti biex iharrab lil shabu bil-bottin. Imbaghad, kif diga` ntqal[12], ma kienx imgieghel b'forza barranija li ma setax jirrezisti ghaliha. L-eta` odjerna ta' l-appellant mhix xi raguni biex titnaqqaslu b'xi mod il-piena. Xorta jrid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta`. Barra minn hekk l-ewwel Qorti hadet

---

[11] Fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**, deciz mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Gunju 2000, dik il-Qorti, osservat "li f'dan il-kaz il-fatt li jammonta ghar-reat fl-ewwel kap u li tieghu nstab hati l-imsemmi Borg huwa l-istess fatt li jikkostitwixxi l-aggravju ta' vjolenza fir-rigward tat-tentattiv ta' serq fit-tieni kap, u li ghalhekk hemm lok ta' dikjarazzjoni ta' htija fir-rigward biss tat-tieni kap". Dwar l-ewwel kap astjeniet milli tippronunzja ruhha.

[12] *Supra* para. 13.

konjizzjoni tal-fatt li l-verdett fir-rigward ta' kull Kap ma kienx unanimu u difatti rreferiet ghal u applikat l-artikolu 492(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Effettivament il-piena nflitta hi piena li l-ewwel Qorti mponiet fid-diskrezzjoni taghha u wara li kkunsidrat dak kollu li kellha tikkunsidra, u din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida biex tiddisturba. Kwantu ghall-piena ta' sena u sitt xhur prigunerija li l-ewwel Qorti mponiet dwar is-Sitt Kap, bhalma diga` ntqal[13], peress illi l-appellant se jigi dikjarat mhux hati ta' dak il-Kap, din il-piena se tigi revokata.

**18.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta' htija dwar is-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuza u minflok tiddikjara lill-appellant Joseph Zammit mhux hati tas-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuza u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-istess Joseph Zammit ghall-piena ta' prigunerija ta' wiehed u tletin sena u sitt xhur u minflok tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghal perijodu ta' tletin sena, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

---

[13] *Supra* para. 15.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------